# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Marzu, 2002.**

**Kawza Numru: 7**

**Citaz. Nru. 51/02GV**

.

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Norman u Marianne konjugi Bezzina**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenuti huma debituri tal-Bank attur fl-ammont globali ta' sitt elef hames mija u tmienja u disghin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm6,598.44) dovuti lill-istess bank attur in kwantu ghal sitt elef tlett mija u tlett liri Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm6,303.32) dovuti lill-Bank attur bhala bilanc ta' *overdraft account* li jgid in-numru 044-003564-001 u li qabel kien igib in-numru 44-134-9793, u *in kwantu* ghal mitejn hamsa u disghin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm295.12) dovuti ukoll lill-Bank attur bhala imghax fuq l-istess *overdraft account* sal-15 ta' Jannar, 2002, liema somma globali hija dovuta kif jirrizulta mill-*istatement* hawn anness bhala Dok. A, oltre l-imghax fuq l-istess ammont mill-15 ta' Jannar, 2002 sad-data tal-

pagament effettiv, liema facilita ta' *overdraft* nghatat lil Norman Bezzina minn qabel l-ewwel ta' Dicembru, 1993.

U premess li l-konvenut, ghalkemm interpellat ghal hlas baqa' inadempjenti.

U premess li l-kreditu tal-Bank attur hu cert, likwidu u ezigibbli u sa fejn jaf il-Bank attur, il-konvenuti m'ghandhom l-ebda difiza valida f'din il-kawza kontra t-talba tieghu ghal hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit tal-P.L. Adrian Borg, ir-rappresentant tal-Bank attur, hawn anness Dok. X;

L-atturi talbu lil din il-Qorti biex:

1 taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tal-Bank attur bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2 tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-istess Bank attur s-somma ta' sitt elef hames mija u tmienja u disghin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm6,598.44) fuq imsemmija u dovuta kif intqal;

Bl-imghax fuq l-imsemmija somma mill-15 ta' Jannar, 2002 sal-pagament effettiv bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammisjoni tal-konvenuti t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammisjoni tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LLD.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**